MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 5/2006

**3G Telecommunication Limited**

**vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Frar, 2006, il-Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"KONSIDERAZZJONIJIET TAL-BORD:

1. L-appell jikkoncerna decizjoni da parti ta' l-Awtorita` appellata (l-Awtorita`) li biha cahdet u ghalhekk waqfet milli tipprocessa applikazzjoni tas-socjeta` appellanti u dan peress illi nbidlu numru ta' kondizzjonijiet li flimkien l-Awtorita` irriteniet kienu fondamentali ghall-kontinwazzjoni

tal-processar ta' l-applikazzjoni tas-socjeta` appellata ghall-ghoti tal-licenzja.

2. Irrizulta mix-xhieda tac-Chairman ta' l-Awtorita` quddiem dan il-Bord illi dawn il-fatturi li flimkien wasslu l-Awtorita` ghad-decizjoni taghha kienu:-

a) bidla sostanzjali fix-shareholders;

b) bidla fis-CEO taghha u;

c) bidla fit-'technological partner'.

Ix-xhud ikkonferma li dawn il-fatturi ma ssemmewx fl-ittra li biha l-Awtorita` infurmat is-socjeta` appellanti bid-decizjoni taghha, kif ukoll li ebda wahda minnhom, mehudha wahedha, ma waslet ghad-decizjoni ta' l-Awtorita` mertu ta' dan l-appell.

3. Ix-xhud ikkonferma li dawn il-bidliet kollha sehhew fil-mori ta' l-ipprocessar ta' l-applikazzjoni *de quo*. Ma kienx kontestat illi s-socjeta` appellanti zammet l-Awtorita` informata f' kull stadju b' dawn it-tibdiliet u li kkoperat mat-talbiet da parti ta' l-Awtorita` in konnessjoni maghhom.

4. Irrizulta wkoll illi bhala konsegwenza tat-tibdil fix-'shareholding' l-Awtorita` estendiet l-ezercizzju ta' 'due diligence' sabiex jinkludi s-socjetajiet li kienu ser jixtru x-shares, liema ezercizzju kien ghadu ghaddej fil-mument meta ttiehdet id-decizjoni ta' cahda ta' l-applikazzjoni *de quo*. Fejn ikkoncerna l-bidla fit-'technological partner' ic-cahda ta' l-applikazzjoni nharget filwaqt li s-socjeta` appellanti kienet qed tfittex min seta' jissostitwixxi l-istess permezz ta' hrug ta' tender. Gie stabbilit li applikanti ohra ma kienux indikaw fl-applikazzjoni taghhom min kienu l-istrategic partners taghhom.

5. Irrizulta illi l-Awtorita`, mad-decizjoni li tichad l-applikazzjoni *de quo*, regghet fethet is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-allokazzjoni tal-frekwenza li kienet ser tigi allokata lis-socjeta` appellanti li kieku l-process ta' verifika ta' l-applikazzjoni tas-socjeta` appellanti rrizulta

bhala sodisfacenti ghall-Awtorita`. Decizjoni li m' hijiex mertu ta' dan l-appell.

6. Fid-dawl tal fuq imsemmija rizultanzi, il-Bord jifhem il-kawtela ta' l-Awtorita` sabiex qabel ma tiddeciedi finalment dwar l-allokazzjoni tal-frekwenza lis-socjeta` appellanti li jigi kompletat il-process shih ta' verifika necessarju, partikolarment fid-dawl tat-tibdil ta' cirkostanzi ta' certa rilevanza minn naha tas-socjeta` appellanti, u dan ghas-sodisfazzjon ta' l-Awtorita`.

7. Il-Bord, pero', ikkonstata li l-Awtorita` ma pproduciet ebda prova konkreta, tangibbli li setghet pozittivament tipprova u tispjega lill-Bord kif l-Awtorita` waslet ghad-decizjoni li tiskwalifika u allura tichad l-applikazzjoni *de quo*. Dan ma setax isir b' mod konklussiv stante li l-ipprocessar ta' l-applikazzjoni kienet ghadha fi stadju ta' verifika.

8. Ugwalment lanqas ma gie pprovat mis-socjeta` appellanti illi lahqet ir-rekwiziti necessarji ghas-sodifazzjon ta' l-Awtorita` sabiex tinhareg il-licenzja lilhom u dan naturalment ma sarx ghall-istess raguni fuq imsemmija u cioe` illi l-applikazzjoni ghadha qed tigi processata.

9. Il-Bord ghalhekk jasal ghall-konkluzjoni li d-decizjoni li biha cahdet l-applikazzjoni tas-socjeta` appellanti u waqfet milli tkompli tipprocessaha bhala wahda mhux ragonevoli in kwantu manifestament prematura stante li l-applikazzjoni *de quo* ghadha fl-istadju ta' processar.

Ghaldaqstant il-Bord jiddeciedi illi:-

1. Jilqa' l-ewwel talba tas-socjeta` appellanti sabiex ihassar u jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorita` datata 3 ta' Novembru 2005 li permezz taghha cahdet l-applikazzjoni tas-socjeta` appellanti;

2. Jichad it-tieni talba tas-socjeta` appellanti;

3.	Jilqa’ t-tielet talba limitatament fis-sens li jordna l-Awtorita` sabiex tissokta bl-analizi ta’ l-applikazzjoni tas-socjeta` appellanti.”

Minn din is-sentenza appellat l-Awtorita` intimata. Ir-raguni li qed iggib bhala bazi tat-talba taghha tar-revoka tas-sentenza hi dik li l-Bord interpreta b’ mod zbaljat il-bazi legali li waslitha biex tichad l-applikazzjoni tal-kumpanija. Hi tikkontendi li pprovat b’ mod car il-gustifikazzjoni ghad-decizjoni taghha – dik, jigifieri, li kienu sehhew bidliet fil-kumpanija applikanti u dawn materjalment itrasformaw il-kontenut ta’ l-applikazzjoni taghha, bi ksur ta’ certi disposizzjonijiet specifici tal-Call for Applications;

Kontra din ir-raguni ta’ doljanza ta’ l-Awtorita` appellanti, is-socjeta` appellata tadduci bi twegiba illi l-appell interpost ghandu jitqies irritu u null ghax mhux bazat fuq punt ta’ ligi u, fil-meritu, li s-sentenza appellata hi wahda gusitifikativa;

Huwa ferm logiku u fl-ordni guridiku illi din il-Qorti jehtiegilha tinvesti qabel kollox l-eccezzjoni ta’ l-irritwalita` ta’ l-appell in kwantu, jekk din tirrizulta hekk fondata, il-kompitu ta’ investigazzjoni ulterjuri mill-Qorti jarresta ruhu u kull sottomissjoni ohra ta’ l-Awtorita` appellanti ma tistax tkun lilha ta’ vantagg ghall-akkoljiment tat-talba ghar-revoka tas-sentenza;

Jibda biex jigi osservat b’ introduzzjoni preliminari illi fl-ordinament guridiku taghna jvigi l-principju illi, ordinarjament, id-dritt ta’ appell lil din il-Qorti hu wiehed generali u jista’ ghalhekk jikkontjeni kontestazzjonijiet kemm ta’ punti ta’ dritt kif ukoll ta’ fatt. Jezistu pero` ligijiet specifici u specjali fejn dan l-istess principju hu wiehed statutorjament ristrett. Generalment, din ir-restrizzjoni hi koncepita fis-sens illi d-dritt ta’ appell hu wiehed limitat ghall-“punt ta’ ligi” biss. Hekk huma, ad ezempju, l-“Att ta’

l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa” (Kapitolu 372; Artikolu 37) u l-“Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali” [Kapitolu 452, Artikolu 82(3)]. Hemm, imbaghad, speci differenti ta’ dan id-dritt li ghalkemm irid ikun ukoll wiehed fuq punt ta’ ligi dan irid ikun hekk “deciz mill-Bord”. F’ din il-kategorija nsibu l-“Att ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ Zvilupp” [Kapitolu 356, Artikolu 15(2)] u, ghal certi kazijiet biss, l-“Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta’ Bini” [Kapitolu 69, Artikolu 24 (1) (b)];

Il-kazi in ezami hu ta’ l-ispeci tal-Kapijiet 372 u 452, tant li fl-Artikolu 41 (1) tal-ligi hawn kontemplata – l-“Att ghat-Twaqqif ta’ Awtorita` ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni” (Kapitolu 418) – jinghad testwalment illi min ihossu aggravat mid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli jista’ jappella lil din il-Qorti “fuq punt ta’ ligi”;

Ferma din l-osservazzjoni, dak li, in sintesi, fil-hsieb tal-Qorti, jista’ jigi ravvizat mill-kontenut tar-rikors ta’ l-appell huwa li l-Awtorita` tippretendi li l-apprezzament tal-fatti da parti tal-Bord huwa zbaljat ghax hi tirritjeni li dawk l-istess fatti kellhom iwasslu biex jigi stabbilit ksur tal-kondizzjonijiet prefissi fil-Call for Applications. Ghal precizazzjoni, il-lanjanza ta’ l-Awtorita` fil-konfront tal-proposizzjoni tal-Bord ta’ assenza ta’ provi konkreti, li l-istess Awtorita` appellanti qed tattakka bhala skorretta u li tikkostitwixxi punt ta’ ligi, hi dik li l-Bord messu hassu sodisfatt u konvint illi hija ggustifikat b’ mod ezawrjenti l-bazi legali tad-decizjoni mehuda minnha u hekk minnha mpernjata fuq il-vjolazzjoni materjali kommessa mis-socjeta` appellata tal-kondizzjonijiet tal-Call for Applications;

Qabel kull konsiderazzjoni ohra ma jkunx inopportun jekk jigu registrati b’ mod generali dawn ir-riflessjonijiet:-

(i) Il-valutazzjoni tal-fatti hi materja istituzzjonalment rimessa lil Bord ta’ l-Appelli u din mhix censurabbli minn din il-Qorti;

(ii) Biex dawk il-fatti jkunu jistghu jigi hekk ri-ezaminati u ri-valutati ghad-definizzjoni tal-kwestjoni, irid l-ewwelnett jirrizulta l-punt ta' ligi. Hu biss meta din il-Qorti ta' revizjoni tikkonkorda li dan jezisti li allura l-appell fuq dan il-punt issir devolutiv tal-kwestjonijiet kollha konsegwenzjali, komprizi dawk ta' fatti. Ara f' dan is-sens **Kollez. Vol. XXXVI P I p 142 u Kollez. Vol. XXXVII P I p 383**;

(iii) Din il-Qorti ma tridx tara jekk il-Bord applikax tajjeb jew le punt ta' ligi, ghax kif gja fuq rilevat, ghal fini tad-dritt ta' appell taht l-Att in disamina, mhux rikjest li dak il-punt ikun maqtugh fis-sentenza. Dak li, invece, jokkorri li jigi ezaminat hu jekk l-appell jikkontjenix il-punt ta' ligi li l-Awtorita` appellanti tivvanta li ghandha;

(iv) Mhu xejn facli li wiehed jiddemarka bejn x' jikkostitwixxi punt ta' ligi u punt ta' fatt, kif hekk ukoll jinsab enuncjat fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell in re "**Joe Cortis -vs- Awtorita` ta' l-Ippjanar**" (27 ta' Frar 1996). Hi anzi sollecitata attenzjoni xierqa biex ma jigix li taht il-parvenza ta' punt ta' dritt tkun effettivament qed tintalab sindakar ta' kwestjoni ta' fatt. Diversament, ikun bil-wisq facli li tigi evasa l-ligi li *expressis verbis* illimitat l-appell ghal punt ta' ligi. Dan billi min irid jappella minn apprezzament ta' fatt tal-Bord jallega, anke jekk infondat, illi l-Bord interpreta b' mod hazin dawk il-fatti u l-ligi ghalihom u bis-sahha ta' din l-allegazzjoni jiccirkoskrivi l-ligi u jottjeni appell kontra d-dispost espress ta' l-istess ligi;

Affermati dawn il-ftit riflessjonijiet, l-Awtorita` appellanti tibbaza l-assunt taghha ta' l-appellabilita` tad-decizjoni fuq dak li hi jidhrilha li l-fatti, kif minnu kostitwiti u analizzati, inducew lil Bord ghall-interpretazzjoni b' mod zbaljat tar-ragonament legali u decizjoni taghha li tichad l-applikazzjoni tas-socjeta` appellata;

Issa mis-sentenza appellata l-Bord irritjena bhala konkluzjoni ta' fatt (u mhux ta' ligi), u wara li ezamina u kkonfronta l-provi, illi l-applikazzjoni tas-socjeta` appellata kienet ghadha fil-fazi ta' l-istharrig u l-ipprocessar taghha. Fuq kollox, illi minn naha l-wahda, is-socjeta` appellata ma pprovatx li kkomponiet l-elementi necessarji kollha ghall-akkoljiment tat-talba taghha ghal licenzja, u minn naha l-ohra, li l-Awtorita` la pprovat u lanqas sostniet b' mod adegwat u konkret il-motivazzjoni wara d-decizjoni taghha tac-cahda ta' l-applikazzjoni. Jekk dak sostenut mill-Bord huwiex hekk il-kaz jew le din hi kwestjoni purament ta' fatt dipendenti mic-cirkustanzi pprezentati quddiemu;

Fil-kumpless, huwa appuntu dan l-apprezzament tal-fatti li ghamel il-Bord u l-konkluzjoni li dan ghogbu jigbed minnhom li qeghda tillanja dwaru l-Awtorita` appellanti. Fil-hsieb tal-Qorti l-Awtorita` ma tistax tippretendi bhala punt ta' ligi li saret valutazzjoni errata tar-rizultanzi processwali mill-Bord billi tirrikorri ghal certi provi bl-iskop li tossostitwixxi, ghas-sintesi tal-fatti komplessivi mill-Bord, ir-ri-elaborazzjoni personali taghha tal-provi u b' hekk tikkontrapponi ghar-*ratio decidendi* l-valutazzjoni proprja. L-interpretazzjoni tal-Bord tal-fatti ma tistax tigi kkontestata b' rikostruzzjoni operata mill-fatti jew sostitwita b' interpretazzjoni diversa. Dan ghaliex, jekk hu mehtieg jigi ripetut, din il-Qorti ta' l-Appell tista' tigi biss u utilment sollecitata in mertu ghall-punt ta' ligi, li f' dan il-kaz, bir-rispett kollu dovut, hu mankanti. Jikkonsegwi li ma jistax ikun lecitu li tigi migjuba 'l quddiem kwestjoni tal-ligi meta s-sottomissjonijiet li saru mill-Awtorita` appellanti jirrigwardaw fatti u l-interpretazzjoni taghha li fl-ebda waqt ma jirrizolvu ruhhom f' punt ta' ligi. Fatti dawn, li biex jinghad kollox, fihom din il-Qorti ma ssibx lanqas dik id-deduzzjoni tal-ksur ta' dawk il-kundizzjonijiet tal-Call for Applications senjalati mill-Awtorita` appellanti, u li ngiebet minnha bhala raguni principali li fuqha bbazat l-appell taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-irritwalita` u nullita` ta’ l-appell in kwantu ma jitrattax minn punt ta’ ligi, tichad l-istess appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-Awtorita` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------